MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-7 ta' April, 2011

Numru 493/2011

**Il-Pulizija**
**Spettur Anna Marie Micallef**

**vs**

**Alan Norris Peter Paul Satariano**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Alan Norris Peter Paul Satariano ta' 55 sena, bin il-mejtin John u Carmelina nee' Cardona, imwieled l-Ingilterra nhar l-24 ta' Gunju 1955 u residenti Flat 3, Imperial Flats, Triq Ganni Bencini, Sliema u detentur tal-karta tal-identita' numru 63100(L) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar is-6 t' April 2011, ghall-habta tas-siegha ta' wara nofs inhar (13:00hrs) fi Triq ix-Xatt, Gzira;

Ikkommetta serq minn gewwa vettura bin-numru RYL 183 ta' l-ghamla Volkswagen Polo, li sar ghad-detriment ta' Raylene Dalli u/jew persuni ohra, liema serq huwa kkwalifikat, bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), izda inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa;

Finalment Alan Norris Peter Paul Satariano qieghed jigi akkuzat talli rrenda ruhu recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula u kif ukoll bi ksur tal-Probation a tenur ta' l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) u lliberatu bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 7 ta' April 2011 (esebit *a folio* 5 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-7 ta' April, 2011 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar is-7 ta' April 2011 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll l-fatt li huwa recediv u jidrilha li l-aktar piena idoneja tkun l-piena karcerarja effettiva izda fil-minimum.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 271, 279(a), 49, 50 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah seba’(7) xhur prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------